

31998R0846

23.4.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 120/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 846/98**tat-22 ta' April 1998****li jadatta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 151/98**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 li jstabilixxi ċerti regolamenti dwar l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u ċerti prodotti agrikoli oħra li joriġinaw mit-Turkija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,Billi d-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-25 ta' Frar 1998 ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill KE-Turkija ⁽²⁾ dwar l-arranġamenti kummerċjali dwar prodotti agrikoli jstabilixxi, *inter alia*, l-arranġamenti preferenzjali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Turkija applikabbli mill-1 ta' Jannar 1998;Billi r-Regolament (KE) Nru 2008/97 jipprovdi li fejn ikunu emendati l-kondizzjonijiet ta' l-arranġamenti speċjali previsti fil-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ammonti, jew fejn jiġi milħuq ftehim ġdid, l-aġġustamenti li jirrużultaw għal dak ir-Regolament jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KE ⁽³⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1581/96 ⁽⁴⁾;Billi l-arranġamenti speċjali għall-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa mit-Turkija previst fid-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija jaġġustaw b'mod partikolari t-tnaqqis fid-dazju applikabbli mill-1 ta' Jannar 1998; billi r-Regolament (KE) Nru 2008/97 għandu għalhekk jiġi addattat biex jinkorpora dak it-tnaqqis minflok l-ammonti previsti skond id-Deċiżjoni Nru 1/77 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija ⁽⁵⁾;

Billi l-kondizzjonijiet ta' l-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mit-Turkija previsti fid-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija ma jagħmlu

l-ebda dispożizzjoni għal tnaqqis fid-dazju tad-dwana biex dan jiġi suġġett għall-applikazzjoni fit-Turkija ta' kull imposta speċjali ta' l-esportazzjoni; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 151/98 ⁽⁶⁾ għandu għalhekk jiġi revokat;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat tal-Ġestjoni taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2008/97 qiegħed jiġi b'hekk emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2(1), il-frażi "ECU 0,7245 għal kull 100 kilogramm" jiġi mibdul b'"10 %".
2. L-Artikolu 2(2) u (3) jiġi mħassar.
3. Fl-Artikolu 3(1) u (2) rispettivament, il-frazzjoni "ECU 3,723 għal kull 100 kilogra" u "ECU 7,003 għal kull 100 kilogramm" jiġu mibdula b'"5 %".

L-Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 151/98 qiegħed b'hekk jiġi revokat.

*L-Artikolu 3*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 22 ta' April, 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 284, tas-16.10.1997, p. 17.⁽²⁾ ĠU L 86, ta' l-20.3.1998, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.⁽⁴⁾ ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 11.⁽⁵⁾ ĠU L 278, tad-29.10.1977, p. 13.⁽⁶⁾ ĠU L 18, tat-23.1.1998, p. 6.